

Brussell, 28 ta' Novembru 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0148 (COD)

14768/1/17
REV 1 ADD 1

CODEC 1888
CONSOM 368
MI 864
COMPET 803
TELECOM 311
JUSTCIV 275
DIGIT 255
IND 329
IA 193

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija tenfasizza l-importanza tal-Premessa 16, li tiddikjara li ma jenhtiegħ li l-Istati Membri jkunu obbligati jistabbilixxu sistema ġdida ta' penali.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni Ewropea tiddikjara dan li ġej.

- l-Artikolu 21 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri ta' infurzar meħtieġa biex jitwaqqaf il-ksur mifrux. L-Artikolu jistabbilixxi (b'mod mhux eżawrjenti) f'liema sitwazzjonijiet huma partikolarment adatti l-miżuri ta' infurzar.
- Fost dawn is-sitwazzjonijiet, l-Artikolu 21 jelenka: fil-paragrafu (1)(d) impenji li huma insuffiċjenti biex ikun żgurat il-waqfien tal-ksur jew, fejn xieraq, biex il-konsumaturi li jkunu sofrew ħsara mill-ksur jingħataw rimedju; u fil-paragrafu (1)(e) in-nuqqas tal-kummerċjant li jimplimenta dawk l-impenji.
- l-Artikolu 21 (1) (d) u (e) għandu jinqara b'konsistenza mal-oġettivi tar-Regolament, li jikkonsistu fl-istabbiliment ta' kooperazzjoni effettiva u effiċjenti fl-infurzar bejn l-awtoritajiet ta' infurzar pubbliċi kompetenti sabiex jiġu individwati, investigati u mwaqqfa każijiet ta' ksur fi ħdan l-Unjoni u każijiet ta' ksur mifrux, u mad-dispożizzjonijiet ewlenin dwar miżuri ta' rimedju li jinsabu fir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikolu 9 (4) (c). F'azzjonijiet ikkoordinati, fejn awtorità kompetenti tkun fittxet tikseb impenji mill-kummerċjant biex toffri rimedji adatti lill-konsumaturi kkonċernati minn ksur, jista' jkun partikolarment xieraq li jittieħdu miżuri ta' infurzar meta dawk l-impenji ma jkunux ta' rimedju suffiċjenti għall-konsumaturi li jkunu sofrew ħsara jew meta dawk l-impenji ma jiġux implimentati.